MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru 1207/2012

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

Bamba Gumar Bamba Ibrahim

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat imwieled l-Kosta tal-Avorju, residenti gewwa l-Marsa Open Centre, u detentur ta' karta ta' identita' numru 39640A akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Novembru 2012 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel. f'dawn il-Gzejjer ikkometta serq ta' zewg *Mobile Phones,* liema serq huwa aggravat bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), ghad-detriment ta' persuna/I mhux maghrufa;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali jeccedi l-mitejn

u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. u aktar talli naqas milli jhares il-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. fid-digriet tieghu datat 30 ta' Lulju 2012 li bih ta helsien mill-arrest taht garanzija;

Semghat lill-imputat tramita interpret jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu hin jikkonsidra;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarju u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati;

Rat l-Artikolu 261 (c)(f), 267, 270, 279 (a), 280 (1), 578, 579 (2), 49, 50 u 17 tal-Kap 9;

Tikkundannah 18 il-xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------